MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Numru 119/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Portelli)**

**vs**

**Carmel sive Charles Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Carmel sive Charles Attard ta’ 36 sena, iben Philip u Giovanna nee’ Bonello imwieled Pieta’ u residenti “Carlese”, Triq Wignacourt, B’Kara, detentur ta’ karta ta’ identita numru 0377463(m) akkuzat talli:

1. f’dawn il-Gzejjer fil-perjodu ta’ bejn il-bidu ta’ Lulju 1999 u l-ahhar ta’ Awissu 1999, minghajr il-permess tal-Ministru u minghajr l-awtorizzazzjoni skond il-ligi, xtara jew issellef flus ta’ valuta estera u cioe’ 2400 GBP (elfejn u erba’ mitt

sterlina) bi ksur tal-Artikoli 4 u 5 tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess perjodu f'dawn il-Gzejjer iffalsifika jew mexxa biljetti ta' flus iffalsifikati u cioe 800 GBP bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli xtara jew irceva minghand xi persuna jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess kienu falsifikati u cioe' 800GBP bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba li tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti u dan skond l-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u skond l-Artikolu 42 tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali (folio 77) permezz ta' liema deherlu li ghab-bazi tal-Artikoli tal-Ligi minnu hemm citati setghet tinstab htija jew htijiet fl-imputat u ghalhekk baghat l-atti lil din il-Qorti sabiex f'nuqqas ta' oggezzjoni mill-imputat tiddeciedi fuq il-htija b'dan pero li qabel tisma' kull prova li ggib il-pulizija;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (folio 11) ghal dawn il-proceduri taht il-Kap 233.

Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellix provi ohra u l-imputat jistqarr li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema' sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kontra l-imputat jirrisalu ghal Awissu 1999 meta l-imputat kien fl-ajruport

ta’ Zurich, l-Isvizzera, fi triqtu lejn Londra, l-Ingilterra, u inzamm mill-pulizija Svizzera fuq allegat spacc ta’ sterlini foloz. Jirrizulta bhala fatt mhux kontestat li l-imputat kien xtara xi oggett mill-ajruport Helvetiku u hallas permezz ta’ karta ta’ ghoxrin lira sterlina li gie nfurmat li kienet falza, u l-istess gara filwaqt li pprezenta karta ohra ta’ ghoxrin lira sterlina. Minn investigazzjoni ulterjuri l-pulizija Helvetika zammet tmien mitt lira sterlina li rritenew kienu foloz. L-imputat hemmhekk kellu mal-elfejn u erba mitt lira sterlina oltre mitejn u hamsa u sebghin lira maltin. L-imputat hu hawn akkuzat fir-rigward din il-valuta sterlina in kwantu: taht il-Kap 233, li xtara jew issellef l-isterlina minghand persuan li mhix negozjant awtorizzat, kemm f’Malta u kemm fl-esteru; u li kellu fil-pussess f’Malta l-isterlina meta mhux negozjant awtorizzat u ma offrihiex ghall-bejgh lil negozjant awtorizzat kemm il-darba ma kienx awtorizzat mill-ministru responsabbli ghall-finanzi li jzommhom u jiddisponi minnhom xorta’ohra; u, taht il-Kap 204, li ffalsifika u/jew qieghed fic-cirkolazzjoni l-isterlina meta kien jaf bil-falz, u f’kull kaz li rceva, kif ukoll, li kellu fil-kontroll u l-pussess tieghu l-isterlina falsifikata meta kien jaf bil-falz. Issa fil-waqt li l-prova materjali tal-falz u l-falsifikazzjoni tinkombi fuq il-prosekuzzoni, huwa oneru tal-imputat li jipprova li ma kienx jaf bil-falsifikazzjoni. Mill-provi in atti din il-Qorti ma tarax il-ghala ma ghandhix taghti kredenza lill-imputat meta jistqarr l-assoluta injoranza tieghu li kien hemm fost l-isterlini li kienu fil-pussess tieghu xi foloz assumendo ghall-mument li l-isterlina ma kinitx genwina. Huwa wisq verosimili dan li jsostni l-imputat, konfortat ukoll minn xhieda ta’ terzi, li huwa kien ircieva l-isterlina minghand klijent tieghu sabiex jixtrilu ‘computer’ mill-Ingilterra; verosimili wkoll huwa li hallas ghall-oggett li kien xtara mill-ajruport ta’ Zurich bl-isterlina li kienet l-unika valuta estera li kellu. Id-diskrepanza bejn dak li l-imputat tenn fl-istqarrija u dak li xehed quddiem din il-Qorti hija marginali u ma tolqotx tant is-sustanza. Din il-Qorti fil-fatt mhi qeghda issib xejn inverosimili li l-imputat kull ma ghamel hu li rcieva biss il-flus barranin ghall-skop li huwa stqarr, cioe’ biex jixtri ‘computer’, li tieghu kellu wkoll flus maltin sabiex jithallas il-VAT dovut. Allura isegwi minn dan li jekk l-imputat hu hati ta’ xi reat il-htija hija ristretta u cirkoskritta ghar-reat

kontemplat fl-Artikolu 5 ta’ Kap 233, ossija ta’ pussess ta’ valuta estera f'Malta (sterlina f’dan il-kaz) li ma offrihiex ghall-bejgh lin-negozjant awtorizzat kemm il-darba ma kelux il-kunsens tal-ministru biex izommha u jaghmel uzu minnha specifikatament biex jixtri ‘computer’. F’din l-ottika r-reat ghandu jigi kkunsidrat fic-cirkostanzi li jezistu u jipprevalu fil-prattika tallum.

Inghad dan ghalhekk ikun sprekk ta’ hin li l-qorti tiddibatti fil-tul konsiderazzjonijiet ohra li jinkludu jekk verament saritx il-prova tal-ispacc ta’ l-isterlina falsifikata li f’kull kaz din il-qorti hi propensa li tghid li l-prova li l-isterlina kienet falza mhiex kompleta, jew ukoll dwar l-eccezzjoni tan-‘ne bis in idem’ u n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-qorti minhabba l-extraterritorjalita’ tar-rejat, sollevati mill-abbli difiza fit-trattazzjoni, li l-qorti qeghdha tirrispingi ghal dak li hi n-ne bis in idem statne li mkien ma jirrizulta li l-imputat kien ghadda process gudizzjarju apparti dan odjern u takkoljih in kwantu ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap 9 jew xi ligi ohra billi ma tirriskontrax li ghandha gurisdizzjoni li tiggudika l-allegat spacc kuntrarjament ghall-pussess li gara entro fil-gurisdizzjoni taghha.

Ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi ssib l-imputat hati biss tal-ewwel imputazzjoni sakemm l-istess titratta l-pussess ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap 233 ukoll kif fuq inghad u tilliberah minn kull akkuza ohra. Rat l-imsemmi Artikolu 5 u 41 tal-Kap 233 u fic-cirkostanzi tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ xahar millum bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 (1) tal-Kap 446. Rat l-Artikolu 42 tal-istess Kap 233 a tenut id-diskrezzjoni li l-Artikolu stess taghti lill-qorti dwar l-konfiska topta li ma tikkonfiskax.

--------------------------------TMIEM--------------------------------